MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 706/2008/1

**GO plc**

**vs**

**Nadine Roxane Pace Wismayer u Nicholas Pace Debono**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Ottubru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Settembru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tliet mija sitta u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (Euro2,376.96c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizzi tat-

telephone li jgibu n-numri 21272390 u 21373494 (kont numru 10131907) u 21377563 (kont numru 40021170) u dana kif jirrizulta minn dokumenti esebiti u markati Dok. IZY 1 sa IZY 4.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Nicholas Pace Debono datata 9 ta’ Dicembru 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi jallega li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici.

Ra illi l-konvenuta Nadine Roxanne Pace Wismayer ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici;

Ra d-decizjoni ta dan it-Tribunal fil-konfront tal-konvenuta Nadine Pace Wismayer datata 27 ta Frar 2009 wara li ssejhet biex twiegeb ghad-domandi tas-socjeta attrici in subizzjoni.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti u dana fil-konfront tal-konvenut Nicholas Pace Debono in vista tal-kontestazzjoni tieghu.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi skond il-kuntratt ta servizz esebit a fol 4 tal-process, dan gie ffirmat mill-konvenuta Nadine Pace wahedha fis-7 ta Jannar 2002 liema servizz kien installat fl-appartament 7 N/S off Bay Junction San Giljan. Servizz iehor kien inghata permezz ta’ kuntratt iehor datat 26 ta’ Gunju 2003 fl-istess appartament u dejjem iffirmat mill-istess konvenuta wahedha.

Illi l-konjugi Pace Debono u Pace Wismayer isseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta' sentenza datata 4 ta Lulju 2008 esebita a fol.38 et seq. Illi mill-qari tas-sentenza ghandu jirrizulta s-segwenti:-

a) Illi huma zzewgu fil-11 ta Novembru 2000 kwindi sentejn qabel ma gie ffirmat l-ewwel kuntratt mas-socjeta attrici;

b) Illi huma kienu sseparaw de facto minn ma xulxin xi erba snin qabel il-prezentata tal-kawza ta' separazzjoni u cioe allura ghal habta tas-sena 2003 fiz-zmien meta kien ghadu kemm gie ffirmat it-tieni kuntratt ta' servizz;

c) Jirrizulta li qabel ma telqghet lura l-Awstralja u qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni l-istess konjugi kienu gia qasmu xi proprjetajiet ta' bejniethom u kien ghad jonqos  biss xi garage u vettura pero d-djun tal-Bank kienu jissuperaw il-valur tal-assi;

d) Illi ghalhekk ai termini ta' l-istess sentenza, l-assi kollha tal-komunjoni gew assenjati lill-konvenut  Pace Debono b'dan illi d-djun, inkluz dawk reklamati f'din il-kawza kellhom jithallsu mill-istess konvenut Pace Debono;

e) Illi fid-decide jinghad ukoll li s-separazzjoni personali kellha jkollha effett sa mill-1 ta' Jannar 2004, kwindi fi zmien wara li kienu gia gew iffirmati l-kuntratti ta' servizz meritu tal-odjerna procedura.

Illi in  vista tal-premess ghalhekk jirrizulta mhux minnu li l-konvenut Pace Debono kien ilu nieqes mid-dar konjugali xi sena u nofs qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' servizz. Lanqas ma hu kredibbli meta jallega li ma kinietx tezisti l-komunjoni tal-akkwisti bejnhu u bejn martu. Meta zzewgu barra minn Malta u gew jirrisjedu hawn Malta, huwa prezunt li stabbilixxew il-komunjoni

tal-akkwisti bejniethom. Difatti qabel ma telqghet minn Malta kienu gia qasmu xi proprjetajiet u fis-sentenza tal-Qorti, r-ragel gie lilu assenjat sehem il-mara fuq il-proprjeta li kien ghad fadal bejniethom cio` e` il-garage u l-vettura b'dan illi f'din l-assenjazzjoni kien hemm inkluz ukoll sehem il-mara mid-dejn bankarju.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Pace Debono, jigi dikjarat li hu wkoll flimkien ma l-konvenuta Nadine Roxanne Pace Wismayer bhala responsabbli ghall-kontijiet pendenti mas-socjeta attrici kif mitluba f'dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk ghal kul buon fini filwaqt li jikkonferma d-decizjoni gia moghtija minn dan it-Tribunal fil-konfront ta' l-konvenuta Nadine Roxanne Pace Wismayer datata 27 ta' Frar 2009 qieghed hawn jilqa t-talba attrici anke fil-konfront tal-konvenut Nicholas Pace Debono u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna liz-zewg konvenuti fl-imkien sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta' Euro2,376.96c (elfejn tliet mija sitta u sebghin euro u sitta u disghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess konvenuti f'sehem indaqs bejniethom."

Il-konvenut Nicholas Pace Debono jikkontesta din is-sentenza fl-isfond tal-fatti segwenti minnu spigolati:-

1. Is-separazzjoni *de facto* bejnu u l-konvenuta martu fis-sena 2003, u, wkoll, l-allontanament tieghu f'dak l-istess zmien mill-fond konjugali fejn kienu installati l-linji telefonici;

2. Ir-rapport kuntrattwali ezistenti bejn l-istess martu u s-socjeta` attrici ghall-provizjon tas-servizz tat-telephones;

3. Il-fatt li martu kienet l-unika utenti li uzufruwiet minn dak is-servizz;

4. Ukoll il-fatt li fiz-zmien rilevanti ghal liema qed jintalab il-hlas (Dicembru 2003 – Ottubru 2007) il-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u martu kienet gja dixxjolta;

Il-materja devoluta lil din il-Qorti bl-appell interpost hi certament wahda ta' rilevanza in kwantu tponi quddiemha l-konsiderazzjonijiet tar-responsabilita` ta' wiehed fost il-konjugi ghall-obbligazzjoni assunta mill-konjugi l-iehor fir-rapport matrimonjali. S'intendi huwa necessarju qabel xejn, ghall-analisi aktar akkurata li trid issir, sew ta' dritt kif ukoll ta' fatt, illi jigu sintetikament riprodotti dawn il-provi rizultanti mill-istruttorja tal-kaz quddiem it-Tribunal:-

1. Il-konvenuti zzewgu fil-Kanada fil-11 ta' Novembru, 2000 u f'xi zmien imprecizat gew joqghodu Malta;

2. Fis-7 ta' Jannar, 2002 u fis-26 ta' Gunju, 2003 il-konvenuta applikat ghal linji tat-telephones gewwa d-dar matrimonjali. Ara d-dokumenti relattivi sottoskritti minnha a fol. 4 u 6 tal-process;

3. Fix-xhieda tieghu fl-udjenza ta' l-24 ta' Gunju, 2009 (fol. 36) l-appellanti jibda biex jiddikjara li hu kien telaq mill-fond konjugali hames (5) snin qabel. Jghid ukoll li kien ilu nieqes sena u nofs qabel ma giet introdotta l-ewwel linja fl-2002. Meta kontro-ezaminat jistqarr li x'aktarx kien telaq fl-istess sena 2002 jew fis-sena 2003. F'kull kaz izid jaggungi illi meta martu applikat ghal dak is-servizz huwa ma kienx gie involut;

4. Mill-kopja tas-sentenza tas-separazzjoni personali ta' l-4 ta' Lulju, 2008 esebita fl-atti jirrizulta illi l-appellanti kien ppremetta fir-rikors tal-kawza minnu intavolat lejn l-ahhar tas-sena 2007 illi hu u martu kienu ilhom mifruda *de facto* ghal cirka erba' (4) snin u li kienu gja qasmu l-maggjor parti ta' l-assi tal-komunjoni. Difatti jinzel mill-istess sentenza illi s-separazzjoni kellu jkollha

effett mill-1 ta’ Jannar, 2004 u li l-beni li kien fadal fil-komunjoni kienu qed jigu assenjati lill-appellanti, b’dan li hu kellu fl-istess waqt jassorbi d-dejn ezistenti mal-banek lokali;

Mill-premess l-ewwel osservazzjoni li jokkorri taghmel din il-Qorti hi din. M’hemmx dubju illi l-konvenuti kienu jinsabu f’regim ta’ komunjoni gjaladarba, kif prevvist mill-Artikolu 1316(2) tal-Kodici Civili, “iz-zwieg li jsir barra minn Malta minn nies li, wara jigu joqghodu f’Malta, igib ukoll bejniethom il-komunjoni ta’ dawk l-akkwisti, ghal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f’Malta”. Dan, wara kollox, hu sahansitra hekk koncess mill-appellanti. Indubitament ukoll, bit-tieni osservazzjoni, johrog ukoll b’mod evidenti mill-istess fatti esposti illi l-kontrattazzjonijiet ghal linji tat-telephone saru eskluzivament mas-socjeta` attrici minn mart l-appellanti biss. Tinsorgi hawn il-mistoqsija jekk, una volta stabbilit illi l-kontrattazzjonijiet saru kif hawn appena rilevat, setghetx is-socjeta` attrici tipprocedi wkoll di fronte ghall-appellanti li f’dawk l-istess kontrattazzjonijiet ma mmiskjax ruhu u ma ffirmax hu wkoll ghas-servizz provvdut;

It-Tribunal ma pprofondiex wisq it-tema mill-punto di vista tad-dritt li tqum minn din id-domanda izda llimita ruhu biex fuq ir-ragonament u l-valutazzjoni maghmula tal-fatti, iddetermina r-responsabilita` solidali ta’ l-appellanti ghall-pretiza kreditorja tas-socjeta` attrici appellata. B’kull rispett dovut, is-soluzzjoni guridika tal-problema kienet tinnecessita xi haga aktar minn semplici apprezzament tal-fatti. Jekk xejn, twegiba xi ftit izjed akkurata ta’ l-aspetti issa mqanqla b’dan l-appell;

Jibda biex jigi sottolinejat illi hu principju generali prevvist mill-Artikolu 1001 tal-Kodici Civili illi “**l-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkontrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta’ hsara jew ta’ gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi**.” A prima vista dan il-provvediment tal-ligi, ghal dik li hi r-regola generali tieghu,

ma jidherx li jiskansa lill-mizzewgin f'rapport konjugali. Fic-cert zgur l-Artikolu 3 ta' l-istess Kodici li jobbliga lill-partijiet fiz-zwieg, skond il-mezzi u l-hila taghhom, li "jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja" ma jista' jservi ta' ebda deroga ghar-regola in kwantu dak l-obbligu tal-kontribuzzjoni jikseb rilevanza merament interna bejn il-konjugi nfushom u mhux ukoll versu l-estern fir-rigward tat-terzi kredituri.  Ir-ricerka allura trid tikkonduci ghal konsiderazzjoni aktar wiesgha ta' l-eccezzjoni jew eccezzjonijiet possibbli hekk ukoll prevvist fit-tieni parti ta' l-istess provvediment bl-uzu ta' l-espressjoni "hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi";

Forsi l-aktar evidenti fost dawn l-eccezzjonijiet hu l-kaz tal-mandat jew prokura li jista' wkoll ikun nghata tacitament [Artikolu 1857 (2), Kodici Civili].  F'termini prattici dan ifisser li ried jigi pprovat illi meta l-mara kkuntrattat ghas-serivzz tat-telephones dan ghamlitu mhux f'isimha proprju izda ghan-nom ta' zewgha.  Din il-prova ma saretx anke ghaliex strettament lanqas ma kien hemm lokha jekk wiehed jikkonsidra qaghdiet ohra legali li jinzlu mill-Kodici Civili fil-kaz tal-mizzewgin.  Ad ezempju, jista' jkun ta' pertinenza aktar magguri ghall-fattispeci l-kaz prospettat fl-Artikolu 1327 (c) ta' l-istess Kodici jekk, u una volta, jkun determinat illi l-obbligu tad-dejn, ukoll jekk assunt separatament minn xi hadd fost il-konjugi, jkun sar ghall-htigijiet tal-familja;

Gja f'sentenza precedenti taghha din il-Qorti kif presjeduta kienet irriteniet illi, apparti li jezistu atti li jirrikjedu l-intervent taz-zewg konjugi [Artikolu 1322(2)], "hemm ukoll atti li wiehed mill-konjugi jista' jgib fis-sehh *uti singoli* [Artikolu 1324 jew l-Artikolu 1327(c)].  F'dawn l-istanzi t-terz kreditur huwa legittimat li jossidisfa l-kreditu tieghu fuq il-beni tal-komunjoni.  Dan ghar-raguni illi dawk l-atti jincidu fuq ic-cespiti li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-komunjoni.  Naturalment, u skond il-ligi, l-istess terz kreditur huwa ulterjorment tutelat billi in subordine idur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u ndahal ghar-responsabilita` kontrattwali diretta

... Dan hu bil-wisq car mill-kontenut tan-norma fl-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili”. (“**J&E Griscti Limited -vs- Jesmond Sant *et***”, 10 ta’ Jannar, 2007);

Affermata din l-esposizzjoni qasira ta’ dritt, tqum il-kwestjoni jekk l-obbligazzjoni assunta *ex contractu* minn mart l-appellant tikkwalifikax biex teskludiha mill-portata precettiva ta’ att ta’ amminstrazzjoni straordinarja skond l-elenkazzjoni provvduta fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 1322, u l-aktar dak tal-proviso ghall-inciz (g) tieghu, in kwantu obbligazzjoni maghmula ghall-bzonnijiet tal-familja [Artikolu 1327(c)];

Hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, fl-assenza ta’ definizzjoni fil-Kodici Civili, illi meta l-ligi titkellem dwar “htigijiet tal-familja” dawn x’aktarx huma dawk il-htigijiet primarji ghall-manteniment, ossija “l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni” li jippreciza l-Artikolu 19 (1) ta’ l-istess Kodici. Dan ir-ragonament isib sostenn mill-konsiderazzjoni illi l-istess Artikolu 1327 (c) jissokta jinkludi fost l-ispejjez u l-obbligi li jistghu jsiru separatament minn xi wiehed jew wahda fost il-konjugi dawk maghduda “ghall-edukazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied” u li wkoll jidhlu taht il-kappa ta’ manteniment skond l-Artikolu 19 (2) tal-Kodici. Ghandu allura ghal din ir-raguni jigi eskluz is-servizz tat-telephone mill-espressjoni “htigijiet tal-familja”? Il-Qorti, wara li rriflettiet kemm kien dovut, ma tahsebx li dan hu l-kaz in kwantu fiz-zmenijiet tal-lum dak is-servizz hu ta’ utilita` dejjem essenzjali ghall-familja, ukoll in referenza u b’sussidju ghal dawk il-htigijiet primarji aktar ‘il fuq accennati. Huwa veru illi l-konvenuti ma baqghux familja ghaliex eventwalment isseparaw imma dan l-istat gdid ma jinnewtralizzax il-fatt illi meta ddahhal is-servizz u fiz-zmien li ddahhal huma kienu ghadhom jikkoabitaw flimkien bhala familja;

Dan kollu konsiderat igib b’risposta ghall-mistoqsija aktar ‘il fuq esposta illi l-kumpanija attrici, *qua* terz kreditur, setghet tivvanta drittijiet kontra l-komunjoni in kwantu l-

obbligazzjoni hekk ikkuntrattata mill-mara saret fl-interess tal-familja u mhux biss ghall-vantagg tal-konjugi kontraenti. Kif diga` affermat, oggettivament konsiderata fl-ampjezza kollha taghha, l-espressjoni tal-ligi fl-Artikolu 1327 (c) tassorbi, sa fejn ragonevolment ikkonsentit, kull obbligazzjoni li xi hadd mill-mizzewgin jidhol fiha biex jissodisfa l-esigenzi tal-familja;

B'zieda mbaghad ma' dak li nghad, in bazi ghall-apprezzament tal-provi, il-qaghda li temergi mill-fatt ma tistax ma jkollhiex bi spjegazzjoni illi fiz-zewg perijodi rilevanti li fihom l-mara kkuntrattat ghal linji telefonici l-appellanti zewgha kien a pjena konoxxenza ta' dik l-operazzjoni negozjali, u hekk ukoll, presumibilment ikkonkordata minnu, in kwantu, kuntrarjament ghal dak li hu jittanta jaghti x'wiehed jifhem, hu, dak iz-zmien (2002 u fin-nofs tas-sena 2003) ma kienx ghadu allontana ruhu mill-fond konjugali. Huwa veru illi hu jiddikjara illi fl-applikazzjoni *ut sic* ghal linja tat-telephones hu ma kienx ko-involt imma b'daqshekk m'ghandux ghalfejn wiehed jassumi illi l-introduzzjoni taghhom fil-fond saret *ad insaputa* jew, ukoll, kontra l-volonta tieghu;

Mhux importanti mill-ottika tas-socjeta` attrici kreditrici u dik tar-reklam taghha ghall-hlas, anke minghand l-appellanti, min fost il-koppja iggjova ruhu l-aktar mis-servizz. Mhux lanqas ta' importanza illi ghall-perijdou rilevanti ghal liema ntalab il-hlas l-konjugi kienu separati *de facto*. Qaghda bhal din, kif saput, ghandha b'effett it-tmiem tal-konvivenza izda mhux ukoll li ttemm effetti guridici ohra li jitnisslu miz-zwieg. Imprexxindibilment, imbaghad, mill-konsiderazzjoni illi l-konjugi kienu diga ddividew konarjament parti mill-gid tal-komunjoni, jibqa' l-fatt illi dik l-istess komunjoni sal-mument tal-pronunzjament gudizzjali fl-2008 kienet ghadha vigenti u, konsegwentement, tattira lejha d-djun li skond l-Artikolu 1327 tal-Kapitolu 16 jaqghu fuq il-komunjoni.

Ghal dawn il-motivi kollha ta' dritt u ta' fatt il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata anke jekk issa ghall-konsiderazzjonijiet ferm aktar estensivi minn dawk tat-Tribunal. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu sopportabbli mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------